Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 94/35/KE**

tat-30 ta' Ġunju 1994

dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel

(ĠU L 237 , 10.9.1994, p. 3)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva 96/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru ta' l-1996	L 48	16	19.2.1997
►**M2**	Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003
►**M3**	Id-Direttiva 2003/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003	L 24	65	29.1.2004

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 94/35/KE

tat-30 ta' Ġunju 1994

dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 189b tat-Trattat ([4]),

Billi d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali li jirrigwardjaw is-sustanzi li jagħtu ħlewwa u l-kondizzjonijiet ta' użu tagħhom ifixklu l-moviment liberu ta' l-oġġetti ta' l-ikel; billi din is-sitwazzjoni tista' toħloq kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ġusta;

Billi l-kondsiderazzjoni ewlenija għal xi regola dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa u l-kondizzjonijiet ta' użu tagħhom għandha tkun il-ħtieġa li l-konsumatur jiġi protett u nfurmat;

Billi, b'konsiderazzjoni għall-informazzjoni xjentifika u tossikoloġika l-aktar riċenti, dawn is-sustanzi għandhom ikunu permissibbli biss f'ċerti oġġetti ta' l-ikel u f'ċerti kondizzjonijiet ta' użu;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli relatati mal-funzjonijiet apparti mill-karatteristiċi ta' ħlewwa tas-sustanzi koperti b'din id-Direttiva;

Billi l-użu ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa minflok iz-zokkor huwa ġġustifikat għall-produzzjoni ta' l-ikel ta' enerġija mnaqqsa, ta' l-oġġetti ta' l-ikel mhux karjoġeniċi jew ta' l-ikel mingħajr zokkor miżjud, għall-estensjoni taż-żmien ta' kemm ħaġa ddum tajba permezz tas-sostituzzjoni taz-zokkor u għall-produzzjoni ta' prodotti djetetiċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva hija direttiva speċifika li tifforma parti mid-direttiva komprensiva fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/107/KEE.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-addittivi ta' l-ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'sustanzi li jagħtu ħlewwa', li huma wżati:

— biex jagħtu togħma ħelwa lill-oġġetti ta' l-ikel,

— bħala sustanzi li jagħtu ħlewwa ta' fuq il-mejda.

([1]) ĠU L 40, 11.2.1989, pġ 27. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/34/KE (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU Ċ 206, 13.8.1992, p. 3.
([3]) ĠU Ċ 332, 16.12.1992, p. 10.
([4]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Ottubru 1993 (ĠU Ċ 305, 23.11.1993), ikkonfermata fit-2 ta' Diċembru 1993 (ĠU Ċ 342, 20.12.1993), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 1993 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 (ĠU Ċ 91, 28.3.1994, p. 81).

▼B

3. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'mingħajr zokkor miżjud' u 'ta' enerġija mnaqqsa fil-kolonna III ta' l-Anness għandhom jiġu definiti kif ġej:

— 'mingħajr zokkor miżjud': mingħajr żieda ta' mono- jew disaccharides jew xi oġġetti ta' l-ikel oħrajn użati minħabba l-karatteristiċi li jagħtu l- ħlewwa tagħhom,

— 'ta' enerġija mnaqqsa': b'valur enerġetiku imnaqqas b'ta' mill-anqas 30 % meta mqabbel ma' l-oġġett ta' l-ikel oriġinali jew ma' prodott simili.

4. Din id-Diriettiva m'għandhiex tapplika għall-oġġetti ta' l-ikel b'karatteristiċi li jagħtu l-ħlewwa.

▼M1

5. Din id-Direttiva għandha tapplika ukoll għall-oġġetti ta' l-ikel korrispondenti intiżi għall-użu ta' nutrizzjoni partikolari fid-definizzjoni tad-Direttiva 89/398/KEE.

▼B

Artikolu 2

1. Huma biss is-sustanzi li jagħtu ħlewwa elenkati fl-Anness li jistgħu jitqiegħdu fis-suq bl-iskop li:

— jinbiegħu lill-konsumatur finali,

jew

— jintużaw fil-manifattura ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

2. Is-sustanzi li jagħtu ħlewwa msemmija fit-tieni inċiż tal-paragrafu 1 jistgħu jintużaw biss fil-manifattura ta' l-oġġetti ta' l-ikel elenkati fl-Anness skond il-kondizzjonijiet speċifikati hemmhekk.

▼M1

3. Sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ma jistgħux jintużaw fl-ikel għat-trabi u tfal żgħar kif hemm referenza għalih fid-Direttiva 89/398/KEE, inkluż l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar li mhumiex f'saħħithom, sakemm mhux stabbilit mod ieħor fid-dispożizzjonijiet speċifiċi.

▼B

4. Id-dożi massimi li jistgħu jintużaw indikati fl-Anness jirreferu għall-oġġetti ta' l-ikel li huma lesti biex jittieklu skond l-istruzzjonijiet ta' l-użu.

▼M1

5. Fl-Anness "quantum satis" ifisser li l-ebda livell massimu ma hu speċifikat. Madankollu, sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għandhom jintużataw in konformità mal-prattika tajba tal-manifattura, f'livell ta' doża mhux aktar minn dak meħtieġ sabiex jikseb l-għan intiż u basta li l-konsumatur ma jkunx ingannat.

Artikolu 2a

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità, il-preżenza tas-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa fl-oġġetti ta' l-ikel hija permissibbli:

— fl-oġġetti ta' l-ikel komposti mingħajr zokkor miżjud jew bl-enerġija mnaqqsa, fl-oġġetti ta' l-ikel komposti djetetarji intiżi għal dieta b'kaloriji baxxi u fl-oġġetti ta' l-ikel komposti li għandhom żmien twil għall-użu tagħhom, apparti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 2 (3), sakemm is-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa huma permissibbli f'xi wieħed mill-ingredjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel kompost, jew

— jekk l-oġġetti ta' l-ikel huwa intiż sabiex ikun użat biss fil-preparazzjoni ta' l-oġġett ta' l-ikel kompost li huwa konformi ma' din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 3

1. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dirett-tivi speċifiċi li jippermettu li l-addittivi elenkati fl-Anness jintużaw għall-iskopijiet apparti minn dak li jagħtu ħlewwa.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw il-kompożizzjoni u d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

▼M3

Artikolu 4

Jista' jiġi deċiż skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 7:

— fejn ikun hemm differenzi ta' opinjoni dwar jekk ħlewwiet jistgħux jintużaw f'oġġett partikolari ta' l-ikel taħt it-termini ta' din id-Direttiva, dwar jekk oġġett ta' l-ikel għandux jiġi kunsidrat bħala li jappartjeni għal xi waħda mill-kategoriji elenkati fit-tielet kolonna ta' l-Anness, u

— jekk addittiv ta' l-ikel elenkat fl-Anness u awtorizzat bħala "*quantum satis*" jintużax skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 2.

▼B

Artikolu 5

1. Id-deskrizzjoni tal-bejgħ ta' sustanza li tagħti ħlewwa ta' fuq il-mejda għandha tinkludi l-frasi '… - sustanza li tagħti ħlewwa ta' fuq il-mejda magħmula minn….', bl-użu ta' l-isem/ismijiet tas-sustanza/i li jagħtu ħlewwa użati fil-kompożizzjoni tagħha.

2. It-tikkettjar ta' sustanza li tagħti ħlewwa ta' fuq il-mejda li jkun fiha l-polyols u/jew l-aspartame għandu jkollu t-twissijiet li ġejjin:

— polyols: 'konsum eċċessiv jista' jkollu effetti ta' lassattiv',

— aspartame: 'fih sors ta' fenilalanin',

▼M3

— bejgħ ta' *aspartame* u *acesulfame*: "fih sors ta' *phenylalanine*".

▼B

Artikolu 6

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw:

— id-dettalji li għandhom jidhru fuq it-tikketti ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom sustanzi li jagħtu ħlewwa sabiex il-preżenza tagħhom tkun evidenti,

— it-twissijiet li jikkonċernaw il-preżenza ta' ċerti sustanzi li jagħtu ħlewwa fl-oġġetti ta' l-ikel,

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 qabel tmiem it-terminu taż-żmien stipulat fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 9(1).

▼M3

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([1]), hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Kull fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([2]) għandhom japplikaw, wara li jingħata kont tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat bħala wieħed ta' tlett xhur.

([1]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23).

▼M3

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

▼B

Artikolu 8

1. Fi żmien tliet snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, skond il-kriterji ġenerali tal-punt 4 ta' l-Anness II tad-Direttiva 89/107/KEE, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' sħarriġ dwar il-konsumaturi biex jissorveljaw il-konsum ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa.

Id-dettalji ta' din is-sistema ta' monitoraġġ għandhom jiġu kkoordinati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7.

2. Fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport ibbażat fuq informazzjoni miksuba mis-sistema ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1, dwar bidliet fis-suq tas-sustanzi li jagħtu ħlewwa, il-livelli ta' użu, u jekk hemmx bżonn aktar li l-kondizzjonijiet ta' l-użu jiġu ristretti, inkluż bl-użu ta' twissijiet adattati lill-konsumatur, sabiex jiġi assigurat li l-użu ma jeċċedix l-ammont aċċettabbli li jista' jittieħed ta' kuljum. Jekk ikun hemm bżonn, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emendi ta' din id-Direttiva.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995. Dawn il-miżuri huma maħsuba biex:

— jippermettu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995, il-kummerċ u l-użu ta' prodotti li huma konformi ma' din id-Direttiva,

— jipprojbixxu, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1996, il-kummerċ u l-użu ta' prodotti li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva; b'danakollu, l-prodotti mqiegħda fis-suq jew ittikkettjati qabel dik id-data li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva, jistgħu jkunu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir referenza bħal din għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

ANNESS

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
E 420	Sorbitol	**Dežerti u prodotti simili**	*quantum satis*
	(i) Sorbitol	— Dežerti mħawwra b'bażi ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
	(ii) Ġulepp tas-sorbitol	— Preparazzjonijiet b'bażi ta' ħalib jew b'bażi ta' derivattiv tal-ħalib, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
E 421	Mannitol	— Dežerti b'bażi ta' frott u ħaxix, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
E 953	Isomaltu	— Dežerti b'bażi ta' bajd, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
E 965	Maltitol	— Dežerti b'bażi ta' ċereali, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
	(i) Maltitol	— Prodotti b'bażi ta' ċereali tal-kolazzjon jew b'bażi ta' ċereali, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
	(ii) Ġulepp tal-maltitol	— Dežerti b'bażi ta' grassi, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
E 966	Laktitol	— Prodotti ffriżati tajbin għall-ikel, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
E 967	Żajlitol	— Kunserva tal-frott, ġetalini, marmellati u frott kristalizzat, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
		— Preparazzjonijiet tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud, bl-eċċezzjoni ta' dawk li huma ntiżi għall-manifattura ta' xorb b'bażi tal-meraq tal-frott	
		Prodotti tad-dolċiera	
		— Prodotti tad-dolċiera mingħajr zokkor miżjud	
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi ta' frott imqadded, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi ta' lamtu, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
		— Prodotti b'bażi tal-kawkaw, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
		— Dlik għal fuq il-ħobż, kawkaw, ħalib, frott imqadded jew ibbażati fuq ix-xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
		— Chewing gum, mingħajr zokkor miżjud	
		— Zlazi	
		— Mustarda	
		— Prodotti fini tal-furnara, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	
		— Prodotti intiżi għall-użu ta' nutriment partikolari	
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida ◄	
E 950	Aċesulfame K	**Xorb mhux alkoħoliku**	

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta’ l-ikel	Doża massima li tista’ tintuża
		— Xorb imħawwar b'bażi ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/l
		— Xorb b'bażi ta' ħalib u derivattivi tal-ħalib jew b'bażi ta' meraq tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/l
		Dežerti u prodotti simili	
		— Dežerti mħawwra b’bażi ta’ l-ilma, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Preparazzjonijiet b’bażi ta’ ħalib jew b'bażi ta’ derivattivi tal-ħalib, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Dežerti b’bażi ta’ frott u ħaxix, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Dežerti b’bażi ta’ bajd, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Dežerti b’bażi ta’ ċereali, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Dežerti b’bażi ta’xaħmijiet, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Ikliet ħfief: ta’ ċerti taħwir lesti biex jittieklu, ippakkjati minn qabel, mqadda, prodotti tal-karboidrati b'togħmiet u ġewż miksi	350 mg/kg
		Prodotti tad-dolċiera	
		— Prodotti tad-dolċiera mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b’bażi tal-kawkaw jew b’bażi ta’ frott imqadded, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b’bażi tal-karboidrati, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Dlik għal fuq il-ħobż b'bażi tal-kawkaw, tal-ħalib, tal-frott imqadded jew ta' xaħmijiet, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Chewing gum, mingħajr zokkor miżjud	2 000 mg/kg
		— Cider u perry	350 mg/l
		— Birra mingħajr alkoħol jew b’kontenut ta’ alkoħol li ma jeċċedix 1,2 % vol	350 mg/l
		— ‘Bière de table/Tafelbier/Table beer (Birra tal-mejda)’ (b’kontenut oriġinali ta’ wort anqas minn 6 %) apparti milli għal ‘Obergäriges Einfachbier’	350 mg/l
		— Birer b’aċidità minima ta’ 30 milli-ekwivalenti espressi f’NaOH	350 mg/l
		— Birer kannella tat-tip ‘oud bruin’	350 mg/l
		— Oġġetti ffriżati li jittieklu, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg
		— Frott tal-bottijiet jew fil-flixkun, ta’ enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg
		— Ġamm, ġelatini, u marmellati	1 000 mg/kg
		— Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex	350 mg/kg
		— Priservattivi 'ħelwin-morri', tal-frott u l-ħxejjex	200 mg/kg
			200 mg/kg

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— Priservattivi u semi-priservattivi 'ħelwin-morri' tal-ħut u ta' l-immanirati tal-ħut, tal-krustaċej u tal-molluski	
		— Zlazi	350 mg/kg
		— Mustarda	350 mg/kg
		— Prodotti fini tal-furnara għall-użu ta' nutriment speċjali	1 000 mg/kg
		— ►**M3** Ikel maħsub għall-użu f'dieta ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmi fid-Direttiva 96/8/KE (*) ◄	450 mg/kg
		— ►**M3** Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE (**) ◄	450 mg/kg
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE (***), provduti f'forma likwida ◄	350 mg/kg
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida ◄	500 mg/kg
		►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu ◄	2000 mg/kg
▼M1			
		— Ċereali tal-kollazjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom mill-anqas mill-anqas 20 % qxur, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 200 mg/kg
		— Sopop b'enerġija mnaqqsa	110 mg/l
		— Ħlewwiet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud	2 500 mg/kg
		— Birra b'enerġija mnaqqsa	25 mg/l
		— Xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, *cider, perry*, spirti jew inbejjed	350 mg/l
		— Spirti li jkun fihom anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum	350 mg/kg
		— Kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud	2 000 mg/kg
		— Ħelu tad-dolċiera fil-għamla ta' pilloli b'enerġija mnaqqsa	500 mg/kg
		— *Feinkostsalat*	350 mg/kg
		— *Eßoblaten*	2 000 mg/kg
▼B			
E 951	*Aspartame*	**Xorb mhux alkoħoliku**	
		— Xorb imħawwar b'bażi ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	600 mg/l
		— Xorb b'bażi tal-ħalib u b'derivattivi tal-ħalib jew b'bażi ta'l-meraq tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	600 mg/l
		Dežerti u prodotti simili	
		— Dežerti mħawwra b'bażi ta' ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1000 mg/kg
		— Preparazzjonijiet b'bażi tal-ħalib jew b'bażi ta' derivattiv tal-ħalib, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— Dežerti b'bażi tal-frott u l-ħxejjex, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Dežerti b'bażi tal-bajd, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Dežerti b'bażi ta' ċereali, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Dežerti b'bażi tax-xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Ikliet ħfief: ta' ċerti togħmiet lesti biex jittieklu, ippakkjati bil-quddiem, mqadda, prodotti mħawwra tal-karboidrati u ġewż miksi	500 mg/kg
		Prodotti tad-dolċiera	
		— Prodotti tad-dolċiera mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi tal-kawkaw jew b'bażi tal-frott imqadded, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	2 000 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi ta-karboidrati, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	2 000 mg/kg
		— Dlik għal fuq il-ħobż b'bażi tal-kawkaw, tal-ħalib, tal-frott imqadded jew xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— *Chewing gum*, mingħajr zokkor miżjud	5 500 mg/kg
		— *Cider* u *perry*	600 mg/l
		— Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jeċċedix il- 1,2 % vol	600 mg/l
		— 'Bière de table/Tafelbier/Table Beer (Birra tal-mejda)' (b'kontenut oriġinali ta' wort anqas minn 6 %) apparti minn 'Obergäriges Einfachbier'	600 mg/l
		— Birer b'aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi f'NaOH	600 mg/l
		— Birer kannella tat-tip 'oud bruin'	600 mg/l
		— Ġelati li jittieklu, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg
		— Frott tal-bott jew fil-flixkun, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Ġamm, ġelatini, marmellati ta' enerġija mnaqqsa	1 000 mg/kg
		— Preparattivi tal-frott u l-ħxejjex ta' enerġija mnaqqsa	1 000 mg/kg
		— Priservattivi tat-tip morr/ħelu, tal-frott u l-ħxejjex	300 mg/kg
		— Priservattivi u semi-priservs tat-tip morr/ħelu tal-ħut u l-immarinat tal-ħut, tal-krustaċej u tal-molluski	300 mg/kg
		— Zlazi	350 mg/kg
		— Mustarda	350 mg/kg
		— Prodotti fini tal-furnara għall-użi ta' nutriment speċjali	1 700 mg/kg
		— ►**M3** Ikel maħsub għall-użu f'dieta ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmi fid-Direttiva 96/8/KE (*) ◄	800 mg/kg
		— ►**M3** Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE (**) ◄	1 000 mg/kg
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE (***) provduti f'forma likwida ◄	600 mg/kg

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— ►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida ◄	2 000 mg/kg
▼M3			
		— *Essoblaten*	1 000 mg/kg'
▼B			
		►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu ◄	5 500 mg/kg
▼M1			
		— Ċereali tal-kollazjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom qxur ta' mill-anqas 20 %, b'enerġija mnaqqsa jew mingħjr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Sopop b'enerġija mnaqqsa	110 mg/l
		— Ħlewwiet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud	6 000 mg/kg
		— Mustardini għall-grieżem b'togħma qawwija mingħajr zokkor miżjud	2 000 mg/kg
		— Birra b'enerġija mnaqqsa	25 mg/l
		— Xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, *cider, perry*, spirti jew inbejjed	600 mg/l
		— Spirti li jkun fihom anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum	600 mg/kg
		— *Feinkostsalat*	350 mg/kg
▼B			
E 952	Aċidu ċiklamiku u l-imluħa Na u Ca tiegħu	**Xorb mhux alkoħoliku**	
		— Xorb imħawwar b'baži ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	►M3 250 mg/l ◄
		— Xorb b'baži tal-ħalib ud- derivattivi tal-ħalib jew b'baži tal-meraq tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	►M3 250 mg/l ◄
		Dežerti u prodotti simili	
		— Dežerti mħawwra b'baži ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg
		— Preparazzjonijiet b'baži tal-ħalib jew b'baži tad-derivattiv tal-ħalib, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg
		— Dežerti b'baži tal-frott u l-ħxejjex, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— Dežerti b'bażi tal-bajd, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg
		— Dežerti b'bażi ta' ċereali, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg
		— Dežerti b'bażi ta' xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	250 mg/kg
		Prodotti tad-dolċiera	
▼M3		_____	
▼B		— Dlik għal fuq il-ħobż b'bażi tal-kawkaw, tal-ħalib, tal-frott imqadded jew xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
▼M3		_____	
▼B		— Frott tal-bott jew fil-flixkun, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Kunserva tal-frott, ġelatini, marmellati ta' enerġija mnaqqsa	1 000 mg/kg
		— Preparattivi tal-frott u l-ħxejjex ta' enerġija mnaqqsa	250 mg/kg
		— Prodotti fini tal-furnara għall-użu ta' nutriment speċjali	1 600 mg/kg
		— ►M3 Ikel maħsub għall-użu f'dieta ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmi fid-Direttiva 96/8/KE (*) ◄	400 mg/kg
		— ►M3 Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE (**) ◄	400 mg/kg
		— ►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE (***) provduti f'forma likwida ◄	400 mg/kg
		— ►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida ◄	500 mg/kg
▼M1		— Xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, *cider, perry*, spirti jew inbejjed	250 mg/l
▼M3		_____	

▼M1

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— ►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu ◄	1 250 mg/kg
▼B			
E 954	Zakkarina u l-imluħa Na, K u Ca tagħha	**Xorb mhux alkoħoliku**	
		— Xorb imħawwar b'bażi ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	80 mg/l
		— Xorb b'bażi tal-ħalib u d-derivattivi tal-ħalib jew b'bażi tal-meraq tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	80 mg/l
		— 'Gaseosa': xarba mhux alkoħolika b'bażi ta' l-ilma bid-diossidu karboniku, sustanzi tal-ħlewwa u tgħomiet miżjuda	100 mg/l
		Dežerti u prodotti simili	
		— Dežerti mħawwra b'bażi ta' ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Preparattivi b'bażi tal-ħalib jew b'bażi tad-derivattiv tal-ħalib, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Dežerti b'bażi ta' frott u ħaxix, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Dežerti b'bażi tal-bajd, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Dežerti b'bażi taċ-ċereali, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Dežerti b'bażi ta' xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Ikliet ħfief: ta' ċerti togħmiet lesti biex jittieklu, ippakkjati bil-quddiem, mqadda, prodotti mqadda tal-karboidrati u ġewż miksi	100 mg/kg
		Prodotti tad-dolċiera	
		— Prodotti tad-dolċiera mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi tal-kawkaw jew b'bażi ta' frott imqadded, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi tal-karboidrati, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	300 mg/kg
		— *Essoblaten*	800 mg/kg
		— Dlik għal fuq il-ħobż b'bażi tal-kawkaw, tal-ħalib, tal-frott imqadded jew xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	200 mg/kg
		— *Chewing gum*, mingħajr zokkor miżjud	1 200 mg/kg
		— *Cider* u p*erry*	80 mg/l
		— Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jeċċedix il- 1,2 % vol	80 mg/l
		— 'Bière de table/Tafelbier/Table beer (Birra tal-mejda)' (b'kontenut oriġinali ta' wort anqas minn 6 %) apparti minn 'Obergäriges Einfachbier'	80 mg/l
		— Birer b'aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi f'NaOH	80 mg/l

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— Birer kannella tat-tip 'oud bruin'	80 mg/l
		— Ġelati ta' l-ikel, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Frott tal-bott jew fil-flixkun, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	200 mg/kg
		— Kunserva tal-frott, ġelatini, marmellati ta' enerġija mnaqqsa	200 mg/kg
		— Preparattivi tal-frott u l-ħxejjex ta' enerġija mnaqqsa	200 mg/kg
		— Priservattivi tat-tip morr-ħelu, tal-frott u l-ħxejjex	160 mg/kg
		— Priservattivi u semi-priservattivi tat-tip morr-ħelu tal-ħut u l-immarinati tal-ħut, tal-krustaċej u l-molluski	160 mg/kg
		— Zlazi	160 mg/kg
		— Mustarda	320 mg/kg
		— Prodotti fini tal-furnara għal l-użu ta' nutriment speċjali	170 mg/kg
		— ►M3 Ikel ◄ maħsub għall-użu f'dieta ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmi fid-Direttiva 96/8/KE (*) ◄	240 mg/kg
		— ►M3 Ikel tad-dieta għal finijiet ◄ speċjali mediċi kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE (**) ◄	200 mg/kg
		— ►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE (***) provduti f'forma likwida ◄	80 mg/kg
		— ►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida ◄	500 mg/kg
		►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu ◄	1 200 mg/kg
▼M1			
		— Ċereali tal-kollazjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom qxur ta' mill-anqas 20 %, b'enerġija mnaqqsa jew mingħjr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Sopop b'enerġija mnaqqsa	110 mg/l
		— Ħlewwiet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud	3 000 mg/kg
		— Xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, *cider, perry*, spirti jew inbejjed	80 mg/l
		— Spirti li jkun fih anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum	80 mg/l
		— Kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg
		— *Feinkostsalat*	160 mg/kg

▼M3

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
E 955	*Sucralose*	**Xorb mhux alkoħoliku**	
		— Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	300 mg/l
		— Ħalib u xorb b'bażi miksub mill-ħalib jew ibbażat fuq sugu tal-frott, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	300 mg/l
		Diżerta u prodotti simili	
		— Diżerti bbażati fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Ħalib u preparazzjonijiet ibbażati fuq derivattivi mill-ħalib, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Diżerti bbażati fuq frott u ħxejjex, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Diżerti bbażati fuq il-bajd, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Diżerti bbażati fuq ċereali, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Diżerti bbażati fuq xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— 'Ikliet żgħar': ċerti togħmiet ta' prodotti lesti għall-ikel, ippakkjati minn qabel, niexfa b'lamtu bit-togħma u lewż miksi	200 mg/kg
		Ħelu	
		— Ħelu mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Ħelu bbażat fuq il-kawkaw jew frott imnixxef, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg
		— Ħelu bbażat fuq il-lamtu, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg
		— Essoblaten	800 mg/kg
		— Tidlik għal fuq il-ħobż ibbażat fuq il-kawkaw, ħalib, frott imnixxef jew xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Ċereali għall-kolazzjon b'kontenut ta' fibra ta' aktar minn 15 %, li ikun fih ta' l-anqas 20 % ta' granza, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Ħelu żgħir biex jiffriska n-nifs mingħajr zokkor miżjud	2 400 mg/kg
		— Pastilji tal-griżmejn b'togħma qawwija li tiffrisha mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg
		— Ċjuwing gamm mingħajr zokkor miżjud	3 000 mg/kg
		— Pilloli fil-forma ta' ħelu li jnaqqsu l-enerġija	200 mg/kg
		— Sidru u xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas	50 mg/l
		— Xorb li jikkonsisti f'taħlit ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, sidru, xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas, spirti jew inbid	250 mg/l
		— Xorb spirituż li ikun fih anqas minn 15 % alkoħol skond il-volum	250 mg/l
		— Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jisboqx il-1,2 % vol	250 mg/l

▼M3

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— 'Bière de table/Tafelbier/Table beer' (kontenut oriġinali *wort* ta' anqas minn 6 %) ħlief għall-'Obergäriges Einfachbier'	250 mg/l
		— Birra b'aċidità minima ta' 30 milli-equivalenti espressi bħala NaOH	250 mg/l
		— Birra kannella tat-tip 'oud bruin'	250 mg/l
		— Birra b'enerġija mnaqqsa	10 mg/l
		— Silġ li jittiekel, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	320 mg/kg
		— Frott fil-laned jew ibbottiljat, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— Kunserva b'enerġija mnaqqsa, ġelli u marmellati	400 mg/kg
		— Frott bl-enerġija mnaqqsa u preparazzjonijiet ta' ħxejjex	400 mg/kg
		— Frott u ħxejjex ħelwin-morri ppriservati	180 mg/kg
		— *Feinkostsalat*	140 mg/kg
		— Ħut u marinati ħelwin-morri priservati jew semi-priservati, krstaċi u molluski	120 mg/kg
		— Sopo b'enerġija mnaqqsa	45 mg/l
		— Zlazi	450 mg/kg
		— Mustarda	140 mg/kg
		— Prodotti fini tal-furnara għal użu speċjali ta' nutriment	700 mg/kg
		— Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija mnaqqsa għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmija fid-Direttiva 1996/8/KE	320 mg/kg
		— Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċinali kif definit fid-Direttiva 1999/21/KE	400 mg/kg
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma likwida	240 mg/l
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida	800 mg/kg
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, bbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduta f'forma ta' tip ta' ġulepp jew li jintmagħdu	2 400 mg/kg

▼B

E 957	Thaumatin	**Prodotti tad-dolċiera**	
		— Prodotti tad-dolċiera mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi tal-kawkaw jew b'bażi tal-frott imqadded, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— *Chewing gum* mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		►M3 Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu ◄	400 mg/kg
▼M1		— Gelati ta' l-ikel, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
▼B			
E 959	Neohesperidine DC	**Xorb mhux alkoħoliku**	
		— Xorb imħawwar b'bażi ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	30 mg/l
		— Xorb b'bażi tal-ħalib u d-derivattivi tal-ħalib jew b'bażi ta' meraq tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/l
		— Xorb b'bażi tal-meraq tal-frott, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	30 mg/l
		Dežerti u prodotti simili	
		— Dežerti mħawwra b'bażi ta' l-ilma, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Preparazzjonijiet b'bażi tal-ħalib jew b'bażi tad-derivattiv tal-ħalib, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Dežerti b'bażi tal-frott u l-ħxejjex, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Dežerti b'bażi tal-bajd, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Dežerti b'bażi taċ-ċereali, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Dežerti b'bażi ta' xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		Prodotti tad-dolċiera	
		— Prodotti tad-dolċiera mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi tal-kawkaw jew b'bażi tal-frott imqadded, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	100 mg/kg
		— Prodotti tad-dolċiera b'bażi tal-karboidrati, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	150 mg/kg
		— Dlik ta' fuq il-ħobż b'bażi tal-kawkaw, tal-ħalib, tal-frott imqadded jew xaħmijiet, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— *Chewing gum*, mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— *Cider* u *perry*	20 mg/l
		— Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jeċċedix il- 1,2 % vol	10 mg/l
		— 'Bière de table/Tafelbier/Table Beer (Birra tal-mejda)' (b'kontenut oriġinali ta' wort anqas minn 6 %) apparti minn 'Obergäriges Einfachbier'	10 mg/l
		— Birer b'aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi f'NaOH	10 mg/l

▼B

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— Birer kannella tat-tip 'oud bruin'	10 mg/l
		— Ġelati ta' l-ikel, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Frott tal-bott jew fil-flixkun, ta' enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Ġamm, ġelatini, marmellati ta' enerġija mnaqqsa	50 mg/kg
		— Preservattivi tat-tip morr-ħelu, tal-frott u l-ħxejjex	100 mg/kg
		— Preparattivi tal-frott u l-ħxejjex ta' enerġija mnaqqsa	50 mg/kg
		— Preservattivi u semi-preservattivi tat-tip morr-ħelu tal-ħut u l-immarinati tal-ħut, tal-krustaċej u l-molluski	30 mg/kg
		— Zlazi	50 mg/kg
		— Mustarda	50 mg/kg
		— Prodotti fini tal-furnara għal użi ta' nutriment speċjali	150 mg/kg
		— ►**M3** Ikel maħsub għall-użu f'dieta ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmi fid-Direttiva 96/8/KE (*) ◄	100 mg/kg
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE (***) provduti f'forma likwida ◄	50 mg/kg
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida ◄	100 mg/kg
▼M1			
		— Ċereali tal-kollazjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom qxur ta' mill-anqas 20 %, b'enerġija mnaqqsa jew mingħjr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— Sopop b'enerġija mnaqqsa	50 mg/l
		— Ħlewwiet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud	400 mg/kg
		— ►**M3** Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, ibbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduti fil-forma ta' ġulepp jew li jistgħu jintmagħdu ◄	400 mg/kg
		— Xorb li li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, *cider, perry*, spirti jew inbejjed	30 mg/l
		— Spirti li jkun fihom anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum	30 mg/kg
		— Kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud	50 mg/kg
		— *Feinkostsalat*	50 mg/kg
		— Birra b'enerġija mnaqqsa	10 mg/kg
		— ►**M3** Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE (**) ◄	100 mg/kg
		— "*Snacks*: ċerti togħmiet huma lesti għall-ikel, ippakkjati minn qabel, xotti, prodotti tal-lamtu b" togħma tajba u ġewż miksi	50 mg/kg

▼M3

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
E 962	Melħ ta' l-*aspartame-acesulfame* 1 (****)	**Xorb mhux alkoħoliku**	
		— Xorb bit-togħma bbażat fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/l (a)
		— Xorb minn ħalib u minn derivattivi bbażati fuq il-ħalib jew ibbażat fuq is-sugu tal-frott, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/l (a)
		Diżerta u prodotti simili	
		— Diżerti bbażati fuq l-ilma, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Ħalib u preparazzjonijiet ibbażati fuq derivattivi mill-ħalib, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Diżerti bbażati fuq frott u ħxejjex, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Diżerti bbażati fuq il-bajd, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Diżerti bbażati fuq ċereali, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Diżerti bbażati fuq xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Ikliet ħfief': ċerti togħmiet ta' prodotti lesti għall-ikel, ippakkjati minn qabel, niexfa bil-lamtu bit-togħma u lewż miksi	500 mg/kg (b)
		Ħelu	
		— Ħelu mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg (a)
		— Ħelu bbażat fuq il-kawkaw jew frott imnixxef, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	500 mg/kg (a)
		— Ħelu bbażat fuq il-lamtu, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg (a)
		— *Essoblaten*	1 000 mg/kg (b)
		— Tidlik għal fuq il-ħobż, ibbażat fuq il-kawkaw, ħalib, frott niexef jew xaħam, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg (b)
		— Ċereali għall-kolazzjon b'kontenut ta' fibra ta' aktar minn 15 %, u li ikun fih ta' l-anqas 20 % ta' granza, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	1 000 mg/kg (b)
		— Ħelu żgħir biex jiffriska n-nifs mingħajr zokkor miżjud	2 500 mg/kg (a)
		— Ċjuwing gamm mingħajr zokkor miżjud	2 000 mg/kg (a)
		— Sidru u xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas	350 mg/l (a)
		— Xorb li jikkonsisti f'taħlit ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, sidru, xorb magħmul mill-meraq imħemmer tal-lanġas, spirti jew inbid	350 mg/l (a)
		— Xorb spirituż li ikun fih anqas minn 15 % alkoħol skond il-volum	350 mg/l (a)
		— Birra mingħajr alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jisboqx il-1,2 % vol	350 mg/l (a)
		— 'Bière de table/Tafelbier/Table beer' (kontenut oriġinali *wort* ta' anqas minn 6 %) ħlief għall-'Obergäriges Einfachbier'	350 mg/l (a)
		— Birra b'aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi bħala NaOH	350 mg/l (a)

▼M3

Nru KE	Isem	Oġġett ta' l-ikel	Doża massima li tista' tintuża
		— Birra kannella tat-tip 'oud bruin'	350 mg/l (a)
		— Birra b'enerġija mnaqqsa	25 mg/l (b)
		— Silġ li jittiekel, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	800 mg/kg (b)
		— Frott fil-landi jew ibbottiljat, bl-enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud	350 mg/kg (a)
		— Kunserva bl-enerġija mnaqqsa, ġelli u marmellati	1 000 mg/kg (b)
		— Preparazzjonijiet tal-frott u ħxejjex bl-enerġija mnaqqsa	350 mg/kg (a)
		— Frott u ħxejjex ħelwin-morri ppriservati	200 mg/kg (a)
		— *Feinkostsalat*	350 mg/kg (b)
		— Ħut u marinati ħelwin-morri priservati jew semi-priservati, krstaċi u molluski	200 mg/kg (a)
		— Sopop b'enerġija mnaqqsa	110 mg/l (b)
		— Zlazi	350 mg/kg (b)
		— Mustarda	350 mg/kg (b)
		— Prodotti fini tal-furnara għal użi speċjali ta' nutriment	1 000 mg/kg (a)
		— Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija mnaqqsa għat-tnaqqis tal-piż kif imsemmija fid-Direttiva 1996/8/KE	450 mg/kg (a)
		— Ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċinali kif definit fid-Direttiva 1999/21/KE	450 mg/kg (a)
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma likwida	350 mg/l (a)
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE provduti f'forma solida	500 mg/kg (a)
		— Supplimenti ta' l-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, bbażati fuq vitamini u/jew elementi minerali u provduta f'forma ta' tip ta' ġulepp jew li jintmagħdu	2 000 mg/kg (a)

▼M1

►M3 (*) Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż (ĠU L 55, tas-6.3.1996, p. 22).
(**) Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel tad-dieta għal finijiet speċjali mediċi (ĠUJ L 91, tas-7.4.1999, p. 29).
(***) Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' supplimenti ta' l-ikel (ĠU L 183, tat-12.7.2002, p. 51). ◄
►M3 (****) Id-dożi massimi li jistgħu jintużaw għall-melħ ta' l-*aspartame-acesulfame* jinkisbu mid-dożi massimi li jistgħu jintużaw għall-partijiet kostitwenti tiegħu, *aspartame* (E951) u *acesulfame*-K (E950). Id-dożi massimi li jistgħu jintużaw kemm għall-*aspartame* (E951) u *acesulfame*-K (E950) ma għandhomx jinqabżu bl-użu tal-melħ ta' l-*aspartame-acesulfame*, jew waħdu jew b'kombinazzjoni ma' l-E950 jew E951. Il-limiti f'din il-kolonna huma espressi jew bħala (a) ekwivalenti ta' *acesulfame*-K jew (b) ekwivalenti ta' l-*aspartame*.' ◄

▼**M1**

Nota:

1. Għas-sustanza E952, aċidu ċiklamiku u l-imluħ Na u Ca tiegħu, id-dożi massimi li jistgħu jintużaw huma mfissra f'aċidu liberu.

2. Għas-sustanza E952, iz-zakkarina u l-imluħ Na, K u Ca tagħha, id-dożi massimi li jistgħu jintużaw huma mfissra f'imide libera.